MINN TONIO FARRUGIA

# KAMPJONAT 1956-57

# Sliema Wanderers champions

## It-Tlettax-il Ġurnata

**03-04-1957:**
**Sliema Wdrs. FC – Marsa 5-1**
**H.T 1-0**
**Ref: Ron Maskell**
**Skurjaw: S. Nicholl (S) 36', C. Spiteri (M) pen. 49', M. Walsh (S) 55', T. Nicholl (S) 59', N. Calleja (S) 70' u R. Buttigieg (S) 75'.**
**Att: 1,775**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Maurice Walsh, Sammy Nicholl, Robbie Buttigieg.

*Marsa FC*: Leli 'Iż-Szabo' Chetcuti, Frans Hole, Ernie Glynn, Ġużi 'Ta' Pranza' Attard, Franz Borg, Nenu Fabri, Joe 'Ir-Rumba' Dimech, Carmel 'Is-Suldat' Spiteri, Fredu 'Steak' Abela, Vidal, Willie Bowerman.

1. Din il-partita suppost li ntlagħbet fl-24 ta' Frar, 1957, iżda kellha titħassar biex minflokha tintlagħab l-ewwel partita tat-team nazzjonali Malti kontra l-Awstrija. Il-konfront bejn Sliema Wanderers u Marsa oriġinarjament kien ser jitħalla għal data aktar tard fl-istaġun iżda l-Kunsill tal-MFA kien ressaq id-data 'l quddiem għat-3 ta' April, 1957, wara protest minn Birkirkara u Hibernians li flimkien ma' Marsa kienu f'taqtiegħa biex ma jisfawx relegati. Birkirkara u Hibernians kienu sostnew li jekk il-konfront jitħalla għal iktar tard, Sliema Wanderers ikunu diġà ċerti mir-rebħ tal-kampjonat u jista' ikun li jilagħbu b'mod aktar trankwill.

2. B'din ir-rebħa Sliema Wdrs. kienu ġew inkurunati Champions meta issa kienu fetħu sitt punti vantaġġ fil-klassifika fuq Valletta u Floriana li t-tnejn kien fadlilhom żewġ logħbiet biss biex itemmu l-impenji tagħhom f'dan il-kampjonat.

**06-04-1957:**
**Ħamrun Sp. FC – Hibernians FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Ref: Albert R. Strong (R.A.F).**
**Skurjaw: o.g L. Attard (Ħam) 15', F. Formosa (Ħam) 49' u S. Anastasi (Hibs) 79'**
**Att: 1,766**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Pawlu Magro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, Leli 'It-Tirjule' Borg, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Freddie Falzon, Effie Borg, Franġisku Formosa, Mikiel 'Tal-Bandieri' Camilleri.

*Hibernians FC*: William Gregory, Sunny Anastasi, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Joe 'Puskas' Muscat, Fredu Church, Leli Sultana, Charlie 'Kinnie' Schembri, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Kontroll fqir tar-referee Albert Strong ikkaratterizza din il-partita. It-tieni goal tal-Ispartans wasal minn pożizzjoni ta' offside ta' Effie Borg li beda l-azzjoni tal-goal, filwaqt li ftit wara, Hibernians ġew imċaħħda minn penalty ċar għal foul ta' George Jones fuq Lorry Cassar bir-referee jagħti freekick indirett fil-penalty area. Aktar tard Hibernians skorjaw il-goal tagħhom minn Anastasi bil-ballun ma jaqbiżx il-linja tal-goal. F'dan il-ħin il-goalkeeper Ġużi Bonnici deher imur fuq il-partitarji Ħamruniżi u jinċitahom iqajmu l-inkwiet. Hawn qam l-inkwiet qalb l-ispettaturi fejn twaddbu wkoll xi fliexken lejn il-linesman u l-players ta' Hibernians. Wara l-logħba qam l-inkwiet bejn il-partitarji taż-żewġ timijiet.

2. Ir-referee Albert Strong ma ta l-ebda ħin żejjed fuq id-90 minuta minkejja li kien hemm diversi waqfien fil-logħba kemm minħabba protesti u anke meta f'okkażjoni minnhom il-folla ma rritornatx il-ballun lura bil-logħob idum wieqaf għal minuta.

**07-04-1957:**
**Floriana FC – Marsa FC 4-3**
**H.T 1-1**
**Ref: Mark Siveyer**
**Skurjaw: P. Demanuele (F) 7', C. Spiteri (M) 34', P. Demanuele (F) 53' u 66', F. Abela (M) 82', P. Demanuele (F) 87' u Ġ. Dimech (M) 89'**
**Att: 2,306**

*Floriana FC:* Joe La Rosa, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Joe Cini, John Delia, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Marsa FC*: Leli 'Iż-Szabo' Chetcuti, Frans Hole, Ernie Glynn, Willie Bowerman, Franz Borg, Nenu Fabri, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Carmel 'Is-Suldat' Spiteri, Fredu 'Steak' Abela, Vidal, Calleja.

1. Il-partita ntemmet fis-97 minuta. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa' ir-referee Siveyer "raġel twil u metikoluż, beda jżomm il-ħin ta' kull inċident u fl-aħħar beda jżomm il-ħin anke meta l-ballun imur barra. Hekk ingħataw żewġ minuti aktar fl-ewwel taqsima u sebgħa (nirrepetu sebgħa!) fit-tieni taqsima. Ir-referee esaġera xi ftit" temm jgħid ir-rapport tal-ġurnal.

2. Pullu Demanuele irritorna bil-kbir fit-team ta' Floriana meta skorja l-erba' goals tat-team tiegħu u anke laqat il-lasta. Huwa kien ilu nieqes mit-telfa ta' 2-1 kontra Valletta tat-2 ta' Marzu 1957.

**13-04-1957:**
**Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 1-1**
**H.T 0-0**
**Ref: Ron Maskell**
**Skurjaw: R. Buttigieg (S) 49' u N. Mackay (V) pen. 83'**
**Att: 8,312**

*Sliema Wdrs. FC*: Willie Templeman, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Maurice Walsh, Sammy Nicholl, Robbie Buttigieg.

*Valletta FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Karm Borg, Sunny Curmi, Josie Urpani, Silvio Rapinett, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

1. Il-goalkeeeper Templeman kien sieħeb lil Sliema mingħand Birkirkara tliet xhur qabel għal £140. Huwa ddebutta mal-Wanderers f'din il-partita wara li l-goalkeeper regolari Victor Scerri ma rkuprax wara li kien weġġa' fl-aħħar ħarġa kontra Birkirkara.

2. Fis-sittin minuta Valletta sfaw bi player inqas meta tkeċċielhom 'Il-Waniż' Borg għal foul ikrah fuq Salvinu Schembri.

3. Sliema Wanderers kienu għadhom qed jilagħbu mingħajr l-attakant Joe 'Jockey' Xuereb meta minkejja li kien spiċċa mix-xogħol fil-Bermuda huwa għażel li jmur għal btala l-Ingilterra.

4. Eżatt qabel din il-partita bejn Sliema u Valletta intlagħab il-konfront deċiżiv bejn l-istess żewġ timijiet mill-kampjonat tar-Reserves fejn min jirbaħ kien jieħu dan il-kampjonat meta Sliema Wanderers kienu fil-quċċata tal-klassifika b'20 punt, wieħed iktar minn Valletta. Rebħu l-Beltin 2-0, b'żewġ goals ta' Colin Urpani fil-50 u s-60 minuta, bit-tieni goal Belti jqajjem protesti kbar kemm mill-players fil-ground u anke mill-partitarji Slimiżi fuq it-taraġ. F'din l-atmosfera ta' rabja bdiet il-partita tal-kbar bejn l-istess żewġ timijiet.

**14-04-1957:**
**Birkirkara FC – Rabat FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Major Alex Upfold (REME).**
**Skurjaw: N. Chircop (B) 28' u V. Farrugia (B) 52'.**
**Att: 1,902**

*Birkirkara FC*: Karmenu

Bugeja, Salvu Bellizzi, Johnnie Gatt, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Lino Lanzon, Victor Farrugia, Louis Bugeja, Norman Bell, Nenu Chircop, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

*Rabat FC:* Edward Borg, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Frank Camenzuli, Charles 'Il-Kis' Zahra, John Calleja, Charles Theuma, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Ma' Birkirkara rritorna jilgħab Victor Farrugia, ex-Floriana u Birkirkara, li kien ilu nieqes mil-logħob tal-Ewwel Diviżjoni sentejn u nofs, eżattament mit-13 ta' Novembru 1954 meta kien lagħab ma' Birkirkara fid-draw ta' 2-2 kontra l-Ispartans.

2. Peter Micallef ta' Rabat tkeċċa wara 25 minuta wara li kien involut f'inċident ma' Victor Farrugia. B'sorpriża però Farrugia ma tkeċċiex wara li anke hu deher ixejjer bis-sieq lil Peter Micallef.

3. B'din ir-rebħa Birkirkara salvaw posthom mal-kbar meta issa kienu fetħu vantaġġ ta' tliet punti fuq Marsa meta kien għad jonqos partita waħda għattmiem tal-kampjonat.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC 24 pt.; Floriana FC 19-il pt.; Valletta FC 18-il pt.; Ħamrun Sp. FC 11-il pt.; Rabat FC 10 pti.; Birkirkara FC 9 pti.; Hibernians FC 7 pti. u Marsa FC 6 pti.

L-Aqwa Skorers: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 13-il goal; T. Cauchi u P. Demanuele (Floriana FC) 8 goals; T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) u N. Mackay (Valletta FC) 7 goals.

## L-Erbatax-il Ġurnata

**21-04-1957:**
**Sliema Wdrs. FC – Floriana FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Ref: Major Alex Upfold (REME).**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 27', Ġ. Muscat (S) 30' u S. Nicholl (S) 60'**
**Att: 9,724**

Il-partita ġiet abbandunata fis-60 minuta. Ir-riżultat ta' 2-1 fil-ħin tal-abbandun baqa' jgħodd.

*Sliema Wdrs. FC:* Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Alex Gollcher, Salvinu Schembri, Tony Nicholl, Maurice Walsh, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Robbie Buttigieg.

*Floriana FC:* Joe La Rosa, Lolly Debattista, Joe Cini, Eddie Bonnett, John Delia, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Sliema Wanderers kellhom lil Salvu Bonnici nieqes fejn minfloku lagħab Alex Gollcher.

2. Inqala' pandemonju sħiħ fil-ground bejn il-partitarji Furjaniżi u l-Pulizija hekk kif Sammy Nicholl poġġa' lil Sliema Wanderers minn fuq fis-60 minuta bil-Furjaniżi jipprotestaw li Nicholl kien f'pożizzjoni ta' offside. Il-linesman R.S.M Carmel Galea però żamm mad-deċiżjoni tiegħu u l-goal ġie kkonvalidat. Waqt l-inkwiet intefgħu xi fliexken fil-ground. Kollox deher li kkalma iżda meta kompla l-logħob il-player Joe Cini ta' Floriana għażel li jixxuttja l-ballun b'saħħtu fid-direzzjoni tal-linesman Galea. Fl-istess ħin reġa' twaddab flixkun ieħor fid-direzzjoni tal-istess linesman biex ir-referee il-Maġġur Upfold ma kellux għażla oħra ħlief li jammonixxi lill-player u ftit wara jabbanduna l-partita. Kemm ir-referee kif ukoll il-linesman Galea irriżenjaw minn referees u rrifjutaw li jikkontrollaw aktar partiti tal-kampjonat Malti.

3. Fil-ġlied li kompla għal ħin twil wara l-abbandun tal-logħba, partitarji Furjaniżi kissru xi bankijiet, qalgħu r-railings tal-ħadid u qattgħu x-xibka ta' waħda mil-lasti.

4. Fit-2 ta' Mejju, 1957, il-Kunsill tal-MFA kien ta raġun lir-referee li ddeċieda li jabbanduna l-partita minħabba li fil-ground kien hemm ħafna ħġieġ. Barra minn hekk il-Kunsill iddeċieda li Floriana jitilfu l-gate money ta' din il-partita filwaqt li l-player Joe Cini kellu jidher quddiem il-Kunsill tal-MFA sabiex jagħti spjegazzjoni fuq il-mod kif aġixxa. Aktar tard Joe Cini kien ġie mwissi severament.

5. B' din ir-rebħa Sliema Wanderers tellgħu 26 punt minn massimu ta' 28 punt biex kienu laħqu r-rekord ta' punti ta' Floriana tal-1949-50. Sliema Wanderers waqqgħu ż-żewġ punti f'żewġ drawijiet kontra Ħamrun Spartans (0-0) u Valletta FC (1-1). Huma kienu waqqfu rekord ġdid meta saru l-ewwel team f'kampjonat bi tmien teamijiet li spiċċaw bla telfa.

6. Għall-Wanderers dan kien is-seba' unur konsekutiv li huma rebħu. It-Tazzi mirbuħa kienu l-Cassar Cup 1955 u 1956, Scicluna Cup 1955 u 1956, FA Trophy 1956 u l-Kampjonat tal-1955-56 u 1956-57. Sliema kienu fallew li jerġgħu jkaxkru l-unuri kollha kif kienu għamlu fl-istaġun ta' qabel meta fit-2 ta' Ġunju, 1957, kienu sfaw megħluba 2-1 minn Floriana fis-semifinali tal-FA Trophy.

**27-04-1957:**
**Hibernians FC – Birkirkara FC 4-2**
**H.T 1-1**
**Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: N. Chircop (B) 25', C. Schembri (H) 40', F. Church (H) 47', P. Carbonaro (B) 48', C. Schembri (H) 54' u S. Anastasi (H) 75'.**
**Att: 1,264**

*Hibernians FC:* William Gregory, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Fredu Church, Maurice Vella Borg, Charlie 'Kinnie' Schembri, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

*Birkirkara FC:* Karmenu Bugeja, Salvu Bellizzi, Johnnie Gatt, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Lino Lanzon, Victor Farrugia, Louis Bugeja, Norman Bell, Nenu Chircop, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

1. Din il-partita suppost li kellha tintlagħab fl-20 t'April 1957 iżda peress li l-ġurnata ta' qabel kienet il-Ġimgħa l-Kbira, l-MFA kienet ħassret il-logħob ta' dak in-nhar.

**04-05-1957:**
**Valletta FC – Rabat FC 6-1**
**H.T 2-1**
**Ref: George Degiorgio**
**Skurjaw: J. Urpani (V) 25', P. Vassallo (R) 33', N. Mackay (V) pen. 40', S. Curmi (V) 63', F. Zammit (V) 73', S. Rapinett (V) 78' u A. Borg (V) pen. 80'**
**Att: 1,307**

Valletta FC: Pawlu Montebello, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe Cilia, Karm Borg, Sunny Curmi, Josie Urpani, Silvio Rapinett, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

Rabat FC: Edward Borg, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Frank Camenzuli, George Tonna, John Calleja, Charlie Theuma, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

**05-05-1957:**
**Ħamrun Sp. FC – Marsa FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Salvu Pirotta**
**Skurjaw: Ġ. Buttigieg (Ħ) 44', F. Falzon (Ħ) 49' u Ġ. Buttigieg (Ħ) 84'.**
**Att: 780**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Pawlu Magro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, Roland Magri, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Freddie Falzon, Effie Borg, Mikiel 'Tal-Bandieri' Camilleri, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

*Marsa FC*: Leli 'Iż-Szabo' Chetcuti, Frans Hole, Ernie Glynn, Ġużi 'Ta' Pranza' Attard, Frans Borg, Nenu Fabri, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Carmel 'Is-Suldat' Spiteri, Fredu 'Steak' Abela, Vidal, Willie Bowerman.

Klassifika Finali: Sliema Wdrs. FC 26 pt.; Valletta FC 20 pt.; Floriana FC 19-il pt.; Ħamrun Sp. FC 13-il pt.; Rabat FC 10 pti.; Birkirkara FC 9 pti.; Hibernians FC 9 pti. u Marsa FC 6 pti.

L-Aqwa Skorers: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 14-il goal; T. Cauchi (Floriana) 9 goals; P. Demanuele (Floriana FC) u N. Mackay (Valletta FC) 8 goals ; T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 7 goals; F. Zammit (Valletta) 6 goals.